MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

IL-Ħamis 30 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

14.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm

14.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Ottubru 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

14.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku fuq punti imqajjmin mis-Seduta preċedenti (13)**

14.3.10 A 13.3.10 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar korrispondenza mad-Direttorat taċ-Ċiniżi fejn dawn ta' l-aħħar qed jissuġerixxu li ssir attivita' minn naħa tagħhom bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill nhar is-Sibt 20 ta' Jannar, 2018

Il-Kunsilliera wrew il-ħsibijiet tagħhom minħabba li din id-data taħbat eżattt mal-ftuħ ta' l-attivitajiet tal-V18 u jaf il-konkorenza għaliha tkun fqira. Huma issuġerew illi jekk hu possibli tinbidel id-data speċjalment mhux għas-Sibtijiet filgħodu minħabba li jekk ser issir l-iskola l-istess tfal u ġenituri jkunu mpenjati b'attivitajiet.

B 13.4.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat illi t-talba ta' tibdil tal-Funtana ma ġietx milqugħa mill-Ministeru konċernat u għalhekk il-funtana trid titranġa għal darb'oħra għas-spejjeż tal-Kunsill.

Il-Kunsill wera d-dispjaċir għal fatt illi bħala Kunsill m'għandux kelma f'dak li hu l-aħjar għal-lokalita' fil-fehma tagħhom u għalhekk ikkonferma illi jekk hu possibli tinġib kwotazzjoni tax-xogħol li hemm bżonn minn naħa tal-Gvern Ċentrali kif qiegħed jiġi suġġerit minn naħa tal-Ministeru tal-Infrasstruttura.

C 13.3 Is-Seg.Eżek spjegat illi fl-aħħar bil-għajnuna tal-Konsulent maħtur mill-Kunsill stess irnexxielha tilħaq kompromess ma' l-awdituri biex b'hekk jiġu iffinalizzati il-'Financial Statements' tas-sena 2016 u jintbagħtu lill-NAO kif suppost kien diġa sar xhur ilu biex b'hekk tingħalaq is-sena imsemmija hawn fuq.

Il-Kunsill approva il-'Financial Statements' 2016 kif ġew ippreżentati f'din is-Seduta biex b'hekk jintbagħtu id-dokumenti neċessari mill-aktar fiss possibli.

14.3 A.1

Is-Sinjura Speranza Chircop resqet talba mill-Ambaxxata Amerikana fejn dawn ta' l-aħħar qed jitolbu permess li ssir 'Clean up' fil-Bajja ta' Rnella minn naħa ta' vapur amerikan li ser ikun Malta fil-ġranet li ġejjin b'mod volontarju.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni pero' saħaq illi l-Bajja ser tkun waħda nadifa minħabba illi hemm 'Beach Cleaner' kif ukoll fiż-żmien tax-xitwa ma tiġix iffrekwentata minn nies.

A.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar kampanja 'Naħseb Fik' li ġiet maħluqa mill-Ministeru t'Għawdex fejn dawn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill loġistikament biex b'hekk tkun ta' suċċess.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar din ir-rikjesta.

A3 Il-Kunsill qabel unanimament illi t-'Traffic Calmer' li ġiet maqlugħa fi Triq l-Għassieli ma tiġix mibdula anka minħabba li kien ikun hemm ilmenti li din iżomm l-ilma magħha fix-xita. Jekk ikun hemm xi lment minn naħa tar-residenti wieħed ser ikun qed jerġa jiddiskuti l-pożjoni għal din l-istess triq.

A4 Il-Kunsill oġġezzjona rigward li titwaħħal tabella fi Triq Gianni Raimondo biex il-karrozzi jipparkjaw fil-parkeġġi provduti dan wara li dawn l-inċidenti jiġru f'kull Triq u f'kull lokalita' meta wieħed jipparkja b'egojiżmu u jipparkja kif ifetillu. Il-Kunsill saħaq illi jekk titwaħħal tabella bħal din f'din it-triq wieħed jista jwaħħal l-istess tabella f'kull triq.

A5 Il-Kunsill oġġezzjona għal talba li titwaħħal mera fi Triq Rnella, int u ħiereġ minn Triq Patist Borda, dan wara illi l-istess Kunsill saħaq illi fl-akkwata diġa twaħħlet mera oħra kif ukoll il-karozzi li jgħaddu minn Triq Patist Borda impossibli jgħaddu b'sewqan eċċessiv peres li din l-istess Triq hija waħda qasira.

A6 Il Kunsill qabel unanimament li l-ilment li rċieva l-istess Kunsill fuq katusa miżduda u bankina mkissra fl-inħawi ta' Triq l-Għassieli biex b'hekk id-Dipartiment tal-'Housing' jieħu ħhsieb din l-istess blokka li taqa taħtom direttament.

A7 Il-Kunsill qabel unanimament mall-Korrispondenza li ressaq is-Sur Vince Bongailas rigward 'Bus Stop Shelter' imkisser fi Triq il-Missjoni Taljana u żiedu jgħidu illi ma dan ir-rapport għandhu jiġi nkluż 'Bus Stop Shelter' ieħor li ilu snin imkisser minħabba illi in-nies li jagħmlu użu minn dawn il-'Bus Shelters' m'għandhom l-ebda kenn kemm fix-xita kif ukoll meta tkun ħafna xemx.

A8 Il-Kunsill qabel unanimament illi il-'Bye Law' tal-Bajja ta' Rnella li kienet ilha li ġiet maħduma mill-istess Kunsill fl-2013 tiġi finalizzata biex b'hekk tibda tiġi applikata mis-sajf li ġej wara li s-sena 2017 saru ħafna lmenti mingħand in-nies li jiffrekwentaw din il-Bajja fuq kampijiet u tined armati irresponsabbilement.

A9 Il-Kunsill qabel unanimament illi jitpoġġa bin tal-ħwejjeġ ieħor fil-viċinanzi ta' l-iskola jekk dan ikun iżgħar minn dak li diġa hemm fejnil-Bandli.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed tiċċekja mal-kumpanijja li bagħtet din il-korrispondenza għal aktar informazzjoni.

A10 Is-Sinjura Speranza Chircop spjegat illi għal laqgħa msejjħa mill-Kunsill mal-ħwienet tal-ikel ma attenda ħadd ħlief il-Pulizija.

Is-Sur Vince Bongailas ikkonferma illi b'kumbinazzjoni qabel il-laqgħa kien diġa sema' minn żewġ ħwienet partikolari li dawn mhux ser jattendu.

Is-Seg.Eżek qrat abbozz ta' ittra li wara li l-Kunsill qabel unanimament fuqa ser tkun qed tintbgħat il-ħwienet kollha tal-ikel fejn dawn għandhom data stipulata biex jagħtu nformazzjoni fuq min se jkun il-kuntrattur li ser ikun qed jiġbrilhom l-iskart skond kif tgħid il-liġi biex minn hemm ikunu jistgħu jittieħdu passi legali għal min iħammeġ l-inħawi tax-Xatt speċjalment fejn il-bandli.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi mal-punt ta' hawn fuq tajjeb li l-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill għandu jieħu ħsieb illi l-iskips ta' madwar il-lokal għandhom jinħaslu ta' spiss.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi fil-fehma tagħha fil-futur l-iskips kollha l-ħodor għandhom jiġu meħħija mil-lokal kif sar f'lokalitajiet oħra diġa u

jitħallew biss skips fejn il-blokkok tal-Housing Estates.

A11 Il-Kunsill qabel unanimament illi r-rikjesta ta' 'Double Yellow Lines' fi Triq is-Sienja mingħand resident li qed isiba diffiċli joħroġ mil-garaxx tintbgħat lil TM biex il-Kunsill stess ikollu gwida teknika bħas-soltu.

B. Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar laqgħa nformali li kellha ma resident li jagħmel użu minn naħa tax-Xewkija biex itella' id-dgħajsa tiegħu fejn dan spjega lis-Sindku bl-ammont ta' abbużi li qed isiru f'dawn l-inħawi kif ukoll b'dgħajjes mormija w imkissrin li għadhom f'posthom.

Is-Sinjura Speranza Chircop spejgat illi din mhux l-ewwel darba li l-Kunsill qed jisma b'dawn l-ilment u ftit ta' żmien ilhu hi personali qabdet il-Pulizija jieħdu ħsieb li jitwaħħlu notifiċi ma' dawn id-dgħajjes imkissrin biex sidhom ineħħijom mill-aktar fiss possibli.

Il-Kunsill qabel unanimament u reġa saħaq illi għandu jerġa isir rapport formali lill-Pulizija kif ukoll jiġu nfurmati il-'Maritime Section' ta' TM biex isir infurzar minn naħa tagħhom ukoll.

C. Is-Sinjura Speranza Chircop żiedet għal punt A10 fejn kellha lment mingħand resident illi fejn ġew imressqa l-iskips mhuwiex l-ideal minħabba l-eyesore u minħabba li tnaqqsu l-parkeġġi mix-Xatt.

Il-Kunsill saħaq illi fid-dinja tħobb ħaġa u tobgħod oħra anka minħabba li fl-istess ħin dawn l-iskips qegħdin il-bogħod minn mal-faċċati tan-nies anzi qegħdin totalment in-naħa l-oħra tat-Triq Marina fejn it-Triq hija waħda wiesa mhux ħażin.

D. Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat l-Kunsill dwar Ħarġa Kulturali li ser tkun qed torganizza fix-xahar ta' Diċembru għal Anzjani u Familja fejn fost affarijiet oħra ser ikunu qed iżuru l-presepji madwar Għawdex.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 14.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

A. Is-Sur Chris Bruno saħaq illi hemm bżonn tintbgħat id-disinn li fis-snin ta' qabel persuna li kienet taħdem fi ħdan TM kienet preparat rigward Triq Marina biex jiżdiedu l-parkeġġi kif ukoll tiċkien biċċa mis-'Central Strip'. Dan id-disinn tajjeb li jintbgħat lil persuni li qegħdin jaħdmu fl-istess inħawi fejn qed jagħmlu xogħlijiet ta' manutenzjoni u tisbiħ fis-'Central Strip' kif ukoll fir-'Round about' ta' Rnella biex b'hekk ikunu jistgħu jamalgamaw id-disinn l-antik ma dak li qiegħed isir fil-preżent jekk hu possibli.

B. Is-Sur Chris Bruno staqsa lis-Seg.Eżek jekk tneħħewx il-konki tal-konkrit mix-Xatt li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

   Is-Seg.Eżek ikkonfermat li tneħħew aktar minn ġimgħa qabel din is-Seduta.

Is-Sur Chris Bruno fakkar ukoll lis-Seg.Eżek biex tibgħat email ta' tfakkira lil Pulizija fuq punt diġa diskuss f'Seduti preċedenti fuq il-konki tal-konkrit u l-'eysore' f'għalqa viċin Smart City.

C. Is-Sur Chris Bruno informa lis-Seg. Eżek illi tajjeb li TM jkunu mgħarrfa illi tal-linja li tgħaddi min Triq Santu Rokku qed toħloq konġezzjoni tat-traffiku minħabba li t-Triq hija waħda dejqa.

Il-Kunsill flimkien mas-Seg.Eżek ikkonferma illi din il-materja diġa ntbagħtet lill-TM fejn il-Kunsill għadu qed jistenna risposta fuq din il-kwistjoni.

D. Is-Sur Chris Bruno wera d-dispjaċir tiegħu fuq il-fatt ta' kummenti negattivi fuq 'Facebook' f'paġna partikolari fir-rigward kif ġew mormija kotba antiki mill-librerija li jamministra l-istess Kunsill.

Is-Sur Pawlu Bongailas li huwa l-Kunsillier responsabbli mill-Librerija Pubblika, saħaq li din kienet pastażata u nuqqas ta' ħsieb minn min kien qed jagħmel il-'weeding' ta' l-istess kotba.

Is-Sinjura Maria Sultana issuġeriet li allinqas seta il-Kunsill jinforma lir-residenti b'dawn il-kotba għal min irid imqar b'donazzjoni żgħira.

Il-Kunsill qabel illi la darba jerġa jsir il-'weeding' tajjeb li wieħed jara jekk kotba antiki jistgħux jingħataw lir-Razzett tal-Ħbieberija fl-Inspire jew kwalunkwe Diretorat li jkollu x-xewqa li joħodhom la darba dawn il-kotba ma jkunux mimlija susa kif fil-fatt kien hemm.

14.4.2 **Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

A. Is-Sur Pawlu Bongailas, talab lis-Seg.Eżek iġġib kwotazzjonijiet ta' bankijiet bħal dawk li diġa hemm imwaħħlin fi Triq Marina biex b'hekk jiżdiedu sal-parti fejn tidħol lejn il-Klabb tar-Regatta sas-sajf li ġej biex b'hekk ikun hemm iktar spazju għal nies li jiġu l-Kalkara.

Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi fil-fehma tagħha m'għandhomx ikunu bħal dawk li diġa hemm għaliex ingnies ġieli lmentaw li huma skomdi pero' il-Kunsill qabel illi l-bankijiet il-ġodda jkunu ser jitwaħħlu jridu jkunu pariġġ dawk li diġa hemm biex titkompla l-uniformita'.

Is-Sinjura Speranza Chircop qalet ukoll illi forsi jkun hemm xi ħadd li dawn il-bankijiet itihom bħala donzzjoni lill-Kunsill bħal ma ġieli jiġri anka barra minn pajjiżna.

B. Is-Sur Pawlu Bongailas flimkien mal-Kunsill kollu saħaq illi ma jistax ikun illi nibqgħu nirċievu lmenti kif ukoll jinkitbu kummenti fuq 'Facebook' fuq il-ħmieġ li hawn fil-lokal meta aħna nħallsu kuntrattur kif suppost u skond il-liġi.

Is-Sur Pawlu Bongailas ikkonferma mal-Kunsill illi s-Seg.Eżek kemm il-darba argumentat mal-kuntrattur anka quddiem il-preżenza tiegħu stess.

Is-Sinjura Maria Sultana ikkonfermat illi l-borża s-sewda tagħha personali kienet qed terġa mhux tiġi miġbura mill-ħaddiema tal-kuntrattur anki saħqet illi kien hemm każ fejn l-affarijiet tal-iskart Goff intremew fil-van normali li jiġbor l-iskart.

Is-Sur Pawlu Bongailas kompla jgħid illi mhux fl-interess tiegħu li jagħmel ħsara lill-kuntrattur pero' wieħed irid ikellmu sewwa biex dawn l-ilmenti jitnaqqsu kemm jista jkun.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk dan ma jsirx il-kuntrattur stess għandu jkun mgħarraf illi ser jibdew jinqabżulu il-pagamenti.

C. Is-Sur Pawlu Bongailas informa l-Kunsill dwar min kienu l-individwi li ser ikunu qed jieħdu 'Ġieħ u Unur' il-Kalkara u Rikonoxximenti waqt is-serata ta' Jum il-Kalkara kif kien qed jiġi suġġerit mis-Sotto Kumitat

maħtur mil-Kunsilliera stess speċifikament għal dan il-għan.

Is-Sinjura Speranza Chircop staqsiet min ser ikun il-preżentatur waqt din is-serata fejn is-Sur Pawlu Bongailas wieġeb illi sa din is-Seduta kien għad ma kellux konferma.

Il-Fotografu uffiċjali maħtur miċ-Ċerpersin stesskien dak tal-'Photo City'.

Is-Sinjura Maria Sultana kompliet tgħarraf il-Kunsill dwar l-attivita' ta' kull sena li tkun qed torganizza hi f'isem il-Kunsill f'Jum il-Kalkara għat-tfal tal-iskola.

Hija qalet li għal din is-sena kienet ħadmet biex iġġib xi kelliema l-iskola stess fejn dawn ser ikunu qegħdin jedukaw lit-tfal fuq materji differenti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi f'din l-okkażjoni t-tfal ser ikunu qed jingħataw xi ħaġa żgħira minn naħa tal-Kunsill bħala ringrazzjament tal-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-attivita'.

**D.** Is-Sur Pawlu Bongailas wera d-dispjaċir tiegħu għal fatt illi wara ix-xogħol kollu li hu personali flimkien mas-Seg.Eżek ħa biex lesta l-fuljett tal-Kunsill fil-ħin kien hemm Kunsilliera li anqas kienu għadhom bagħtu l-kitba tagħhom wara ħafna 'reminders' li ntbgħatu.

Huwa saħaq illi mhux ser tkun darb'oħra li jibqa jistenna l-kitba tal-Kunsilliera biex issa spiċċa ser jiġi printjat u mqassam lir-Residenti tard l-istess fuljett.

Is-Sinjura Maria Sultana skużat ruħa għaliex hi kienet waħda minn dawk illi ħalliet għal-aħħar minħabba problemi personali li kellha.

### 14.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 12.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

### 14.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 14.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum Il-Hamis 30 ta' Novembru, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |